MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Numru 690/2000

Il-Pulizija
(Sp Mario Bonello)
vs
Jurgen Abela, iben Joseph,
imwieled San Ġiljan fit-22
ta' ġunju, 1978

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli fis-16 ta' settembru, 2000 għal ħabta tas-01.30 ta' fil-għodu f'Naxxar Road, Birkirkara –
1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti kkaġuna l-mewt ta' Arthur Satariano minn San Ġiljan;
2. saq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni BBI 289, bi traskuraġni u b'manjiera perikoluża.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi, tiskwalifika lill-imsemmi Jurgen Abela milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li jidhirlha xieraq u tordnalu sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti peritali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-26 ta' frar, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikolu 15(1)(a) tal-kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' ottubru, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fis-16 ta' settembru, 2000 għal ħabta tas-1.30 a.m. Arthur Satariano kien ħiereġ minn bar f'Naxxar Road, Birkirkara. Hu ħareġ minn dan il-bar fil-kumpanija tal-ħabib tiegħu Stephen Vella. Stephen Vella ġibed għad–dritt, fil-waqt li Arthur Satariano kellu jaqsam it-triq għaliex il-karozza tiegħu kienet faċċata ta' dan il-bar. Ftit sekondi wara Stephen Vella sema' ħoss, dawwar wiċċu u ra lil Arthur Satariano mal-art milqut minn karozza. Stephen Vella ma rax l-inċident iseħħ iżda hu ra lil Arthur Satariano b'saqajh fuq il-bankina u rasu fit-triq. Konsegwenza ta' dan
l-inċident Arthur satariano miet qabel ma wasal l-isptar. L-inċident ġara ġo dik il-parti ta' Naxxar Road, direzzjoni l-wied ezatt ma salib it-toroq ma Triq il-Fuħħarin. Dan l-inkroċju għandu fil-kantuniera tiegħu 'splay'. Fl'isplay kien hemm il-karozza tal-mejjet.

Illi l-karozza li kienet involuta fl-inċident kien tal-marka Tata station wagon, bin-numru tar-reġistrazzjoni BAI 289, u kienet misjuqa mill-imputat. L-imputat kien waħdu fil-karozza u kien sejjer fid-direzzjoni tal-wied. Skond ix-xhieda tiegħu kellu speed ta' madwar 35 – 40 kilometru fis-siegħa. L-imputat hu l-uniku xhud okulari ta' l-inċident u għalkemm kien hemm persuna oħra din ma ratx l-inċident jiġri. Skond il-versjoni ta' l-imputat, hu ra r-raġel jaqsam. Quddiemu ma kellux traffiku iżda warajh kien hemm karozza. Hu xehed li żamm dejjem l-istess speed iżda f'daqqa waħda ra lil Arthur Satariano qisu jitlef il-bilanċ u ezatt kif kien qed jgħaddi bil-karozza tah daqqa fuq in-naħa tax-xelluq. L-imputat xehed li dejjem żamm l-istess speed u kien madwar tlett piedi maqlugħ mill-bankina.

Illi mill-provi prodotti jidher ċar li l-imputat għalkemm kien ra lil Arthur Satariano jaqsam mill-bogħod u ra li kien qasam kważi għal kollox jidher ċar li hu ma kienx attent għal dak li kien qed jiġri madwaru. L-imputat wewra nuqqas ta' ħila għaliex fl-ewwel lok jidher ċar li żamm l-istess speed meta hu għadda qrib sew ma Satariano li tela jew kien tiela fuq il-bankina. L-imputat kellu viżwali tajba fid-dritt. Kien qed isuq fi triq wiesgħa u ma kellux traffiku quddiemu. L-imputat kellu joqgħod attent li jkun zgur li dak ir-raġel jitħalla jikkompleta l-qsim tat-triq bil-kwiet iżda ġara li hu żamm l-istess speed u Arthur Satariano ntlaqgħat mal-kurdun tal-bankina. F'dawn iċ-ċirkostanżi l-imputat imissu naqqas l-ispeed tiegħu u ġibed 'il barra.

Illi għal korrettezza għandu jingħad li dan kien inċident sfortunat u dan ser jittieħed in konsiderazzjoni tal-piena li għandha tiġi erogata.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjujba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt lira maltin (Lm500). Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-

sospensjoni tal-liċenżji tas-sewqan ta’ l-imputat. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta’ erba’ mija u lira maltija u seba’ centesimi (Lm401.07) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------